

# *Bijografija*
# Ġużè Chetcuti



Twieled Bormla fil-11 t'Awwissu, 1914. Studja fl-iskola ċentrali ta' San Bert, fil-Belt Valletta, u daħal fis-servizz tal-Gvern bħala għalliem fl-iskola primarja fl-1936, iżda wara kien appuntat bħala uffiċjal mad-Dipartiment tas-Saħħa u s-Sigurtà fl-1938.

Fl-1940 meta faqqgħet il-gwerra, issieħeb mal-bord editorjali fl-Information Office bħala editur u traduttur tas-*Service Bulettin* u tal-*Malta Review*. Fis-snin tal-gwerra kien wieħed mit-tliet qarrejja uffiċjali.

Chetcuti ssieħeb fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u għallem il-Malti fil-Liċeo (1956-1974) u għal sentejn, ta lezzjonijiet tal-Malti fil-Mater Admirabilis Training College (ir-Rabat, Malta) u għal għaxar snin fl-Upper Secondary School. Għal diversi snin kien eżaminatur tal-Malti f'eżamijiet taċ-Ċivil u tal-Pulizija.

Chetcuti nħatar membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum magħrufa bħala l-Akkademja tal-Malti) fl-1937 u fis-snin tal-Gwerra kien Segretarju tal-Għaqda ta' meta Dun Karm, il-poeta nazzjonali u, warajh, il-Professur Ġużè Galea, kienu Presidenti; ħadem fil-bord editorjali tar-rivista letterarja *Il-Malti*, kien Viċi-President, President Onorarju, u President tas-sotto-kumitat f'kwistjonijiet tal-ortografija. Ta l-għajnuna tiegħu għal snin twal fil-pubblikazzjoni tar-rivista letterarja *Leħen il-Malti* maħruġa mill-Għaqda tal-Malti (Università). Kien ukoll membru onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin, membru fil-kunsill u segretarju tal-Malta Drama League, kif ukoll fundatur tax-Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti flimkien mat-tabib Ġużè Bonnici u l-Avukat Anton Buttigieg.

Mill-Għaqda Poeti Maltin ingħata l-mertu Ċitta di Valletta fl-1986 u fl-1996 l-Istat ħatru Member of the National Order of Merit (MOM).

Il-proża ta' Chetcuti hija waħda realista u uża l-letteratura biex fuq kollox mexxa 'l quddiem il-kawża tal-fqir u dawk bla skola. Hija waħda realista, għax kien l-istess awtur li għex il-miżerja u ħajja fil-karestija fil-qalba ta' Bormla fejn f'dawn ix-xaqlibiet tinġabar aktar il-klassi tal-ħaddiema. Ta' tnax-il sena kien miet missieru. Għalhekk ommu kellha toħroġ taħdem biex setgħu jlaħħqu mal-ħajja, filwaqt li hu kellu jieħu ħsieb ħutu,

ġaladarba kien l-akbar fosthom. Ta' erbatax-il sena, hu stess beda jmidd idejh għax-xogħol biex jgħin aktar lill-familja.

Kellhom ukoll iħallu darhom li kienet bil-ġnien u jmorru joqogħdu fi sqaq biex ma jħallsux wisq kera. L-isqaq kien fi Triq il-Gendus. Dak iż-żmien, kienet tissejjaħ '*Strada Toro*'. Hekk iddeskriva l-isqaq, l-awtur, bħala l-ewwel laqgħa li sabu hekk kif waslu fl-isqaq:

"id-djuq u l-art imħarbta, id-dawl tax-xemx qajla jimraħ fiha, ħitan għoljin miżgħuda bit-twieqi li minnhom ħierġa għal nofs l-isqaq, bċejjeċ tal-egħwied twal u mdendla magħhom ħwejjeġ tal-ilbies ta' kull lewn, tfal ħafjin jilagħbu u jwerżqu, tal-ħaxix bil-karettun bil-ħmar, f'ras l-isqaq jgħajjat b'ħanġra daqsiex, u nisa mit-twieqi u mill-bibien iżidu mal-għajjat li kien hemm. U biex ikomplu ma' din is-sinfonija ta' għajjat, kien hemm il-klieb jinbħu u jiġġieldu. Sa gallinari bit-tiġieġ kien hemm barra l-bibien!"

Dam sittin sena u fuqhom jgħix f'dan l-isqaq. Quddiem xenarju bħal dan Ġużè Chetcuti ħass qalbu tingħafas li ħallietu milqut tul ħajtu. Tant li meta għadda żmien u beda jikteb, ħassu fid-dover li bħala kittieb hu seta' jwassal il-karba, ta' dawn ħutu l-kompatrijotti. Fin-novella, *il-Mandraġġara* Chetcuti juri ċar il-konsegwenzi tal-faqar fuq il-bniedem.

Rumanzi bħal *It-Tnalja*, *L-Isqaq* u *Il-Kerrejja,* it-titlu tagħhom stess, diġà huwa werrej tax-xejra tematika ta' dawn il-kotba. Dawn, u bosta novelli tiegħu għandhom jitqiesu bħala manifest tal-proletarjat iżda mhux iżjed bħala ideoloġija jew sistema politika - għax dawn seħħew mitt sena qabel. Iżda, dawn il-kunċetti jew teoriji tahom il-ħajja billi sarrafhom, uriehom fi kwadri letterarji realistiċi u tipiċi Maltin kif għexhom dak iż-żmien. B'deskrizzjoni vivaċi, sal-iċken dettall, l-għan tiegħu kien, li jġib il-qarrej konxju biżżejjed biex jifhem il-qagħda soċjali mwiegħra ta' żmienu li fit-taqlib ta' bidliet soċjali ħalliet il-vittmi.




Chetcuti rrefera għal dan iż-żmien bħala żmien tad-dlam u l-iżvilupp tax-xjenza u t-tixrid tar-riformi soċjali kien għad baqagħlhom biex jaslu. Allegorikament ixebbah dan iż-żmien tad-dlam u l-imsiebaħ ma'moħħ ċkejken, u żmien tad-dawl elettriku ma' moħħ evolut li kien għadu 'l bogħod.

Ir-rumanzi u d-drammi ta' Chetcuti taw xhieda tal-ħajja popolari f'pajjiżna u għamlu dan b'realiżmu poetiku mill-aqwa. Bosta mill-kitbiet letterarji ta' Ġużè Chetcuti jibqgħu jitqiesu fost il-kapolavuri tal-letteratura Maltija. Fihom wera ruħu bħala kittieb imnebbaħ mill-valuri tal-ġustizzja soċjali u tal-karità Nisranija.

Chetcuti kien ukoll esponent importanti tal-poeżija romantika f'Malta. L-ifjen poeżiji tiegħu żammew bilanċ delikat bejn il-qawwa tal-kelma Maltija u l-ħeġġa tal-istħajjil Mediterranju. Għanna ġmiel il-pajjiż. Ħabb il-bdiewa u l-ħajja sempliċi. Kiteb dwar l-imħabba u setgħetha. L-inkwiet u l-ferħ tal-ħajja. Il-patrijottiżmu u l-fidi.

U la semmejna l-fidi, bħal kull Bormliż ieħor, Ġużè Chetcuti ma naqasx li jħobb

lil Bormla u marbuta magħha, il-Kunċizzjoni. Fl-1944, kien avviċinat mill-arċipriet ta' Bormla biex jikteb oratorju marjan mar-ritorn tal-istatwa tal-Kunċizzjoni minn B'Kara fejn kienet miżmuma għas-sigurtà tul l-aħħar gwerra. Kemm dam b'saħħtu, qatt ma naqas li ma jżurx lill-kunċizzjoni f'nharha. Dan nixhdu jien li ta' kull sena kont narah jiġi minn kmieni.

Imma fuq kollox kellu mħabba kbira għal Malta. Kien patrijott tabilħaqq li jħoss id-demm Malti jiġri fil-vini tiegħu. Ta' dan għandna xhieda b'dawn il-poeżiji li kiteb: 'Il-Ġmiel ta' Artna; 'Lil Malta, Jum ir-Rebħa'; 'L-Għid tar-Rebħa'; 'L-Għanja ta' Settembru' u 'Lill-Għanja Maltija'.

Aspett ieħor li m'għandux jibqa' barra hu, li Chetcuti kien traduttur. Hu qaleb għall-Malti xogħlijiet ta' Vinċenzo Maria Pellegrini, Giovanni Curmi u dramm ta' Henrik Ibsen.

Ġużè Chetcuti miet nhar id-19 ta' Lulju 2006. Monsinjur Victor Grech, Direttur tal-Caritas li mexxa ċ-ċerimonja funebri fil-Knisja ta' Stella Maris, waqt l-omelija tiegħu sejjaħ lil Ġużè Chetcuti bħala "Warda tal-Letteratura Maltija".

**Nota Editorjali:** Matul din is-sena, fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali Bormla, l-Isqaq ta' Triq il-Gendus gie msemmi Sqaq Ġużè Chetcuti. Ta' min isemmi, li kien propju f'dan l-isqaq li l-Poeta Bormliz kiteb ir-rumanz 'L-Isqaq', tant li jekk wiehed jaqra d-deskrizzjoni ta' dan l-isqaq u jmur jara kif inhu mibni, jinduna li hemm deskrizzjoni perfetta. Prosit lill-Kunsill Lokali Bormla ghal din l-inizjattiva.


**Tahabel Limited**

*Rope & Chain Dealer*

**"St. Catherine", John Borg Street, Żejtun ZTN 05**

**Tel: 21 673589 - Mob: 9947 0351 - Fax: 21 692894**